



Kunsill Ewropew

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

EUCO 18/23

LIMITE

CO EUR 14  
INF 213  
API 157

#### NOTA

|                  |  |
|------------------|--|
| minn:            | President tal-Kunsill Ewropew  |
| lil:             | Kunsill Ewropew  |
| Nru. dok. preċ.: | 13114/23; 13116/23; 13183/23   |
| Suġġett:         | Aċċess pubbliku għad-dokumenti<br>- Applikazzjoni konfermatorja Nru 33/c/01/23 |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness abbozz ta' tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 33/c/01/23, li ġie approvat b'mod unanimu mill-Grupp ta' Hídma dwar l-Infurmazzjoni wara konsultazzjoni bil-miktub fis-6 ta' Diċembru 2023.

Hu ssuġġerit li l-Kunsill Ewropew, permezz ta' proċedura bil-miktub:

- japprova l-abbozz ta' tweġiba li jinsab fl-anness għal din in-Nota u
- jiddeċiedi li jippubblika r-risultati tal-vot, kif ukoll kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir.

**TWEĠIBA GĦALL-APPLIKAZZJONI KONFERMATORJA 33/c/01/23,  
magħmula permezz tal-posta elettronika fit-18 ta' Settembru 2023 u rreġistrata fil-21 ta'  
Settembru 2023**

Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra din l-applikazzjoni konfermatorja skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni<sup>1</sup> u l-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura<sup>2</sup> tiegħu, li jagħmel l-Anness II tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill<sup>3</sup> applikabbli *mutatis mutandis*, u wasal għall-konklużjoni li ġejja:

1. Fit-18 ta' Awwissu 2023, l-Applikant ippreżenta applikazzjoni inizjali lill-Kunsill Ewropew għal aċċess għad-dokument CM 5/23. Dan id-dokument jinforma lid-delegazzjonijiet dwar l-eżitu tal-proċedura bil-miktub immedija mill-Kunsill Ewropew għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Fih ukoll dikjarazzjoni magħmula mill-Portugall dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
2. Fil-11 ta' Settembru 2023, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill<sup>4</sup> wieġeb għal din l-applikazzjoni fisem il-Kunsill Ewropew, fejn informa lill-Applikant li, fin-nuqqas ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, ma kienx f'pożizzjoni li jagħti aċċess għad-dokumenti msemmija hawn fuq.

<sup>1</sup> ĠU L 145 tal-31.5.2001, p. 43.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2009/882/UE, ĠU L 315, 2.12.2009, p. 51 (minn hawn 'il quddiem ir-"Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew").

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE, ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.

<sup>4</sup> Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali tiegħu, jassisti lill-Kunsill Ewropew u lill-President tiegħu f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew.

3. Fit-18 ta' Settembru 2023, l-Applikant ippreżenta applikazzjoni konfermatorja skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kontra t-tweġiba msemija hawn fuq tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.
4. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra bir-reqqa l-applikazzjoni konfermatorja u vvaluta t-talba għal aċċess b'konsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipji sottostanti tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, inkluż l-għan li jiġi żgurat l-aċċess pubbliku l-aktar wiesa' possibbli għad-dokumenti.
5. B'riżultat ta' dan, kien possibbli li jiġi ddeterminat li l-kontenut tad-dokumenti CM 5/23 jista' jiġi żvelat b'mod sħiħ.

## KONKLUŻJONI

6. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jagħti aċċess sħiħ għad-dokument CM 5/23.